

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**                    **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/130**

**tat-18 ta' Jannar 2023**

**li jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni**

(ĠU L 17, 19.1.2023, p. 77)

Emendat minn:

|             |                                                                                        | Ġurnal Uffiċjali |       |            |
|-------------|----------------------------------------------------------------------------------------|------------------|-------|------------|
|             |                                                                                        | Nru              | Paġna | Data       |
| ► <b>M1</b> | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2141 tat-13 ta' Ottubru 2023 | L 2141           | 1     | 16.10.2023 |



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI  
(UE) 2023/130**

**tat-18 ta' Jannar 2023**

**li jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni**

*Artikolu 1*

**Preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni previst fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115 kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Sottomissjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-rapport annwali dwar il-prestazzjoni f'format elettroniku, permezz tas-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni msejħa "SFC2021", prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2289.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



## ANNEX

### Preżentazzjoni tal-kontenut tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115

1. SINTESI TAL-ISTAT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK FIR-RIGWARD TAS-SENSA FINANZJARJA PREĊEDENTI

Din it-taqsimha għandha tinkludi l-informazzjoni kwalitattiva msemmija fl-Artikolu 134(7)(a) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

- 1.1. **Sommarju dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK**

Din is-subtaqsima għandha tinkludi sommarju tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK matul is-sena finanzjarja preċedenti.

Din is-subtaqsima tista' tinkludi wkoll sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin li affettwaw il-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti li għandu jiġi rrapportat fid-dettall fis-subtaqsima 1.2, inklużi l-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

- 1.2. **L-istat tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK skont objettivi speċifiċi u trażversali**

Għal kull objettiv speċifiku u trażversali msemmi fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, din is-subtaqsima għandha tinkludi deskrizzjoni tal-kwistjonijiet li affettwaw il-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti, fejn xieraq bir-raġunijiet u, fejn rilevanti, b'deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

Din is-subtaqsima tista' tinkludi spjegazzjonijiet relatati mad-devjazzjonijiet tal-valuri miksuba tal-indikaturi tar-riżultati mill-istadji importanti korrispondenti biex jikkomplementaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont is-subtaqsima 2.1.

- 1.3. **Aspetti orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK**

Din is-subtaqsima għandha tinkludi deskrizzjoni tal-progress li sar lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti, l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti, u, fejn rilevanti, miżuri biex jiġu indirizzati, fir-rigward tal-governanza, in-networks u l-azzjonijiet leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi nazzjonali rilevanti għall-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Din is-subtaqsima tista' tinkludi deskrizzjoni tal-kwistjonijiet li affettwaw il-prestazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti u li ma jistgħux jiġu rrapportati taħt objettivi speċifiċi jew trażversali fis-subtaqsima 1.2.

- 1.4. **Deroga mill-istandards tal-KAAT fl-2023**

Jekk l-Istat Membru jkun uża d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1317, din is-subtaqsima għandha tinkludi valutazzjoni tal-effetti tal-applikazzjoni ta' tali deroga fuq is-sigurtà tal-ikel globali, fuq il-preservazzjoni tal-ambjent u fuq il-għlieda kontra t-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Artikolu 2(5) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

2. INFORMAZZJONI KWANTITATTIVA, INFORMAZZJONI KWALITATTIVA DWAR ID-DEVJAZZJONI TAL-VALURI TAL-INDIKATORI TAR-RIŻULTAT MILL-ISTADJI IMPORTANTI U ĠUSTIFIKAZZJONI TAL-EĊĊESS TAL-AMMONTI UNITARJI MIKSUBA META MQABBLA MAL-AMMONTI UNITARJI PPJANATI

**▼B**

Din it-taqsisma għandha tinkludi l-informazzjoni kwantitattiva msemmija fl-Artikolu 134(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2021/2115. Din għandha tinkludi wkoll informazzjoni kwalitattiva fir-rigward ta' devjazzjonijiet mill-istadji importanti msemmija fl-Artikolu 134(7)(b) ta' dak ir-Regolament.

Għandha tinkludi l-informazzjoni kwalitattiva obligatorja msemmija fl-Artikolu 134(9) ta' dak ir-Regolament. Tista' tinkludi l-informazzjoni kwalitattiva fakultattiva msemmija fl-Artikolu 134(8) ta' dak ir-Regolament.

Ir-riżultati miksuba u l-outputs realizzati għandhom jiġu rrapportati f'konformità mal-metodi għall-kalkolu stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2290 <sup>(1)</sup>.

## 2.1. Valuri miksuba tal-indikaturi tar-riżultati

Din is-subtaqsima għandha tinkludi l-valur miksub fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull wieħed mill-indikaturi tar-riżultati stabbiliti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK u d-distanza sal-istadju importanti annwali korrispondenti stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, filwaqt li tagħti r-raġunijiet, fejn xieraq, għal devjazzjonijiet mill-istadji importanti u, fejn rilevanti, tidderriwi l-miżuri meħuda, f'konformità mal-Artikolu 134(7)(b) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni mistenni fil-15 ta' Frar 2025, din is-subtaqsima għandha tinkludi wkoll ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas b'aktar minn 35 % fl-ilħuq tal-istadji importanti rilevanti għas-sena finanzjarja 2024, kif imsemmi fl-Artikolu 135(2) ta' dak ir-Regolament.

Fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni mistenni fil-15 ta' Frar 2027, din it-taqsisma għandha tinkludi wkoll ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe nuqqas b'aktar minn 25 % fl-ilħuq tal-istadji importanti rilevanti għas-sena finanzjarja 2026, kif imsemmi fl-Artikolu 135(2) ta' dak ir-Regolament.

## 2.2. Outputs realizzati - ammonti unitarji – finanzjament nazzjonali addizzjonali

Għal kull ammont unitarju kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, din is-subtaqsima għandha tinkludi l-outputs realizzati, in-nefqa korrispondenti u l-ammonti unitarji miksuba f'konformità mal-Artikolu 134(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Din is-subtaqsima tista' tinkludi ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe eċċess tal-ammont unitarju miksub meta mqabbel mal-ammont unitarju ta' referenza korrispondenti stabbilit fl-Artikolu 134(8) ta' dak ir-Regolament.

Din is-subtaqsima għandha tinkludi ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe eċċess tal-ammont unitarju miksub meta mqabbel mal-ammont unitarju ta' referenza msemmi fl-Artikolu 134(6) u (8) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jekk dan l-eċċess ikun ogħla minn 50 %, kif stipulat fl-Artikolu 134(9) ta' dak ir-Regolament.

It-tieni u t-tielet paragrafi ma japplikawx għall-indikaturi tal-output immarkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament bħala użati biss għall-monitoraġġ.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2290 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u l-finanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 486).

**▼B**2.2.1. *Ammonti unitarji miksuba għal interventi fil-forma ta' pagament dirett*

L-informazzjoni pprovduta taħt din is-subtaqsima għandha tinkludi:

- (a) l-outputs realizzati;
- (b) in-nefqa kkalkolata skont l-Artikolu 134(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 ("nefqa grossa") rilevanti għall-outputs realizzati, inklużi l-elementi li ġejjin li abbażi tagħhom sar il-kalkolu tan-nefqa grossa:
  - (i) l-ammonti mhux imħallsa wara t-tnaqqis u l-limiti massimi, stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/2115;
  - (ii) l-ammonti mhux imħallsa wara d-dixxiplina finanzjarja, stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/2116;

**▼M1**

- (iii) l-ammonti mhux imħallsa wara l-penali, stabbiliti fl-Artikolu 59(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/2116;

**▼B**

- (iv) in-nefqa ddikjarata fil-kontijiet annwali rilevanti għall-outputs realizzati, stabbilita fl-Artikolu 32(1)(b) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2022/128 ("nefqa netta");

- (c) l-ammonti unitarji miksuba li jirriżultaw.

2.2.2. *Ammonti unitarji miksuba għal interventi f'ċerti setturi*

L-informazzjoni pprovduta taħt din is-subtaqsima għandha tinkludi:

- (a) l-outputs realizzati;
- (b) in-nefqa kkalkolata skont l-Artikolu 134(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 ("nefqa grossa") rilevanti għall-outputs realizzati, inklużi l-elementi li ġejjin li abbażi tagħhom sar il-kalkolu tan-nefqa grossa:
  - (i) fejn applikabbli, l-ammonti mhux imħallsa minħabba limitazzjoni tal-assistenza finanzjarja abbażi tas-sehem tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, imsemmija fl-Artikolu 52(2) u fl-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

**▼M1**

- (ii) l-ammonti mhux imħallsa wara l-penali, stabbiliti fl-Artikolu 59(1) il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/2116;

**▼B**

- (iii) in-nefqa ddikjarata fil-kontijiet annwali rilevanti għall-outputs realizzati, stabbilita fl-Artikolu 32(1)(b) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2022/128 ("nefqa netta");

- (c) l-ammonti unitarji miksuba li jirriżultaw.

2.2.3. *Ammonti unitarji miksuba għal interventi għall-iżvilupp rurali*

L-informazzjoni pprovduta taħt din is-subtaqsima għandha tinkludi:

- (a) outputs realizzati esklużi l-outputs iġġenerati esklużivament minn finanzjament nazzjonali addizzjonali;

**▼B**

(b) in-nefqa kkalkolata skont l-Artikolu 134(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 (“nefqa grossa”) rilevanti għall-outputs realizzati, inklużi l-elementi li ġejjin li abbażi tagħhom sar il-kalkolu tan-nefqa grossa:

(i) l-ammonti rkuprati, stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2021/2116;

**▼M1**

(ii) l-ammonti mhux imħallsa wara l-penali, stabbiliti fl-Artikolu 59(1), il-punt (d), u fl-Artikoli 85 u 89 tar-Regolament (UE) 2021/2116;

**▼B**

(iii) in-nefqa ddikjarata fil-kontijiet annwali rilevanti għall-outputs realizzati, stabbilita fl-Artikolu 32(1)(c) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2022/128 (“nefqa netta”);

(iv) in-nefqa pubblika totali minbarra l-finanzjament nazzjonali;

(c) l-ammonti unitarji miksuba li jirriżultaw.

#### 2.2.4. *Finanzjament nazzjonali addizzjonali*

L-outputs realizzati ġġenerati esklużivament minn finanzjament nazzjonali addizzjonali għandhom jiġu rrapportati skont l-intervent.

L-assistenza finanzjarja nazzjonali u l-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmija fl-Artikolu 134(11) u fl-Artikolu 115(5)(a) u (d) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom jiġu rrapportati skont l-intervent.

### 2.3. **Outputs realizzati – valuri aggregati**

Din is-subtaqsima għandha tinkludi valuri aggregati tal-indikaturi tal-output irrapportati f’konformità mal-metodi għall-kalkolu stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/2290.

2.3.1. *Il-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output skont l-interventi u l-unitajiet ta’ kejl*

2.3.2. *Il-valuri aggregati tal-indikaturi tal-output skont it-tipi ta’ intervent u l-unitajiet ta’ kejl*

2.3.3. *Valuri aggregati oħrajn tal-indikaturi tal-output*

### 2.4. **Ammonti unitarji ta’ referenza addizzjonali**

Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-għażla stabbilita fl-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115, din is-subtaqsima għandu jkun fiha, għal kull intervent ikkonċernat, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 134(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), jew fl-Artikolu 134(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta’ dak ir-Regolament.

### 2.5. **L-użu ta’ strumenti finanzjarji f’interventi ta’ żvilupp rurali**

Din is-subtaqsima għandu jkun fiha informazzjoni addizzjonali dwar l-użu ta’ strumenti finanzjarji fis-sena finanzjarja preċedenti f’konformità mal-Artikolu 134(10) tar-Regolament (UE) 2021/2115. Din l-informazzjoni addizzjonali għandha tiġi rrapportata skont it-tip ta’ intervent.

### 2.6. **Informazzjoni dwar iż-żrieragħ żejtnin, il-qoton u l-għajjnuna nazzjonali tranżizzjonali**

Din is-subtaqsima għandha tinkludi l-informazzjoni dwar iż-żrieragħ żejtnin li għandha tiġi rrapportata f’konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

**▼B**

Din is-subtaqsima għandha tinkludi wkoll l-informazzjoni dwar il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton li għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-Artikolu 137 tar-Regolament (UE) 2021/2115, ħlief għar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni li huwa mistenni sal-15 ta' Frar 2024.

Din is-subtaqsima għandha tinkludi wkoll l-informazzjoni dwar l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali li għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li għandha tiġi rrapportata skont l-intervent, ħlief għar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni li huwa mistenni sal-15 ta' Frar 2024.

### 3. SOMMARJU TAL-EVALWAZZJONIJIET

Fl-aħħar rapport dwar il-prestazzjoni annwali li huwa mistenni sal-15 ta' Frar 2030, din it-taqsima għandha tinkludi sommarju tal-evalwazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mal-Artikolu 134(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Dan għandu jkun issupplimentat minn lista ta' evalwazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, li għandha tinkludi, għal kull evalwazzjoni:

- (a) it-titolu;
- (b) id-data tat-tlestija;
- (c) ir-rabta ma' objettiv speċifiku jew trażversali partikolari jew aktar minn wieħed imsemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115;
- (d) il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin;
- (e) spjegazzjoni ta' kif ġew segwiti r-rakkomandazzjonijiet ewlenin;
- (f) link għar-rapport ta' evalwazzjoni.